**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru 495**

**Kaz Nru. 741**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Arthur Kiomal

u

G.M.S. Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

3 MAY 1993

**Chairman: Is-Sur Anthony Degiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar, 1993 riferenza ME 2/93 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din it-tilwima skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **TERMINI TA' RIFERENZA**

It-termini ta' riferenza sottomessi mill-appellant u mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani huma kif jidher hawn taht:

> "Sabiex it-Tribunal Industrijali jezamina c-cirkostanzi tat-tkeccija allegata li hi ngusta u jaghti decizjoni skond Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta."

.../2

3. **RAPPREZENTANZA**

3.1 L-Appellant kien rapprezentat mill-Avukat Dr. J. A. Cannataci.

3.2 Il-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sinjuri J. Delia, G. Sherry u l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi.

4. **PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI**

4.1 L-appellant ipprezenta s-sottomissjonijiet preliminari Dok 1 li kienu jinkludu l-ittra ta' tkeccija datata 5 ta' Jannar, 1993 bhala appendici.

4.2 Il-Kumpanija ipprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht;

4.2.1 is-sottomissjonijiet preliminarji Dok A

4.2.2 kopja fotostatika ta' l-avviz ghal kariga vakanti ta' Chauffeur/Handyman li deher fil-gurnal lokali ta' kull jum "The Times" nhar il-Hamis 10 ta' Awissu 1989 Dok A K1

4.2.3 kopja tal-kuntratt ta' l-impjieg datat 16 ta' Ottubru, 1989 Dok A K2

4.2.4 kopja fotostatika tal-Memorandum of Association tal-Kumpanija GMS Ltd. Dok A K 3

4.2.5 Kopja tal-Ftehim kollettiv bejn il-Kumpanija Gasan Enterprises Ltd u l-Metal Workers' Section tal-General Workers' Union datat 25 ta' April, 1989. Dok A K 4.

5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1. L-appellant stqarr li;

5.1.1. hu dahal jahdem mal-Kumpanija fl-1989 bhala Chauffeur/Handyman u qatt ma' gie spjegat lilu li kien ser ikun ikkunsidrat bhala "private domestic worker"

5.1.2 xahar wara li beda x-xoghol mas-Sur Joe Gasan huwa ircieva ittra datata 16 ta' Ottubru, 1989. Il-Kumpanija qed tikkwota din l-ittra bhala l-kuntratt tax-Xoghol.

5.1.3 hu kien iffirma din l-ittra minghajr qatt ma' gie spjegat lilu l-kontenut, b'mod partikulari t-tifsira ta' Artiklu 2 ta' l-istess dokument

5.1.4 wara aktar minn tlett snin u ezattament nhar il-5 ta' Jannar, 1993 hu tkecca mill-impjieg minghajr raguni valida skond il-ligi.

5.1.5 hu qatt ma' kien qaddej domestiku u ghaldaqstant ir-raguni li ghaliha tkecca mhiex valida skond il-ligi.

5.1.6 fid-dawl ta' dan kollu t-tkeccija tieghu ghandha tkun dikjarata ngusta, jigi trasferit ma' kumpanija ohra fil-grupp u jinghata kumpens xieraq ghad-danni li sofra.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li:

5.2.1 l-appellant ipprezenta l-kaz tieghu hazin ghaliex

hu kien impjegat ma G.M.S. Ltd.

5.2.2 skond il-kuntratt ta' l-impjieg hu kien private domestic worker u seta' jitkecca ghar-raguni li nghatat fl-ittra ta' tkeccija.

5.2.3 fic-cirkostanzi it-Tribunal Industrijali huwa prekluz milli jisma' l-kaz.

6. <u>DECIZJONI</u>

It-Tribunal Industrijali:

6.1 wara li ezamina;

6.1.1 l-avviz ghal "Chauffeur/Handyman Dok A K1

6.1.2 il-kuntratt ta' l-impjieg Dok A K2

6.1.3 l-avviz Legali Numru 7 ta' l-1976 u b'mod partikolari in-nota ta' tifsira fejn il-karigi ta' Chaufferu u Handyman huma nkluzi fost il-karigi li jistghu ikunu regolati minn dan l-Avviz Legali.

6.1.4 l-istqarrijiet preliminari tal-partijiet.

6.1.5 l-verbal ta' l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi f' isem il-Kumpanija u dak ta' l-Avukat Dr. J. A. Cannataci f'isem l-appellant li saru fl-ewwel seduta.

6.1.6 il-provedimenti rilevanti ta' Artiklu 31 ta' Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta

6.1.7 il-provedimenti ta' Artiklu 175, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

.../5

6.2 iddecieda li:

6.2.1 l-kaz, kif gie ipprezentat mill-appellant kontra Gasan Motors Company huwa zbaljat izda l-istqarrija preliminari ta' l-Avukat f'isem l-appellant kontra G.M.S. Ltd. giet milqugha mit-Tribunal bhala korrezzjoni ta' l-occhio

6.2.2 l-kuntratt ta' l-impjieg huwa validu skond il-ligi

6.2.3 r-raguni li l-employer tilef il-fiducja fl-impjegat hija valida skond il-ligi u f'cirkustanzi tali it-Tribunal huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni aktar tal-kaz.

6.2.4 Ghal finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qieghed jintaxxa lill kull wiehed miz-zewg difensuri, d-drittijiet fis-somma ta' erba' u ghoxrin liri Maltin (Lm24).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg